Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 19 ta' Jannar 2018**
**(OR. en)**

**5454/18**
**ADD 1**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2018/0012 (COD)**

**TRANS 20**
**MAR 9**
**ENV 30**
**CODEC 59**
**IA 19**

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea,<br>iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur |
| data meta waslet: | 18 ta' Jannar 2018 |
| lil: | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2018) 33 final ANNEXES 1 to 5 |
| Suġġett: | ANNESSI tal-Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet għall-iskart għall-konsenja ta' skart minn bastimenti, li tħassar id-Direttiva 2000/59/KE u li temenda d-Direttiva 2009/16/KE u d-Direttiva 2010/65/UE |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2018) 33 final ANNEXES 1 to 5.

---

Mehmuż: COM(2018) 33 final ANNEXES 1 to 5

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Strasburgu, 16.1.2018
COM(2018) 33 final

ANNEXES 1 to 5

**ANNESSI**

**tal-**

**Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar il-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet għall-iskart għall-konsenja ta' skart minn bastimenti, li tħassar id-Direttiva 2000/59/KE u li temenda d-Direttiva 2009/16/KE u d-Direttiva 2010/65/UE**

{SWD(2018) 21 final} - {SWD(2018) 22 final}

MT MT

# ANNESS 1

## IL-ĦTIĠIJIET TAL-PJANIJIET TAL-AKKOLJENZA U T-TQANDIL TAL-ISKART FIL-PORTIJIET

Il-pjanijiet għandhom ikopru t-tipi kollha ta' skart li joriġinaw mill-bastimenti li normalment iżuru l-port u għandhom jiġu żviluppati skont id-daqs tal-port u t-tipi ta' bastimenti li jidħlu f'dak il-port.

L-elementi li ġejjin għandhom ikunu inklużi fil-pjanijiet:

a) stima tal-ħtieġa għall-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet għall-iskart, fid-dawl tal-ħtieġa tal-bastimenti li normalment iżuru l-port;

b) deskrizzjoni dwar it-tip u l-kapaċità tal-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet għall-iskart;

c) deskrizzjoni tal-proċeduri għall-akkoljenza u l-ġbir tal-iskart minn bastimenti;

d) deskrizzjoni tas-sistema tal-irkupru tal-ispejjeż;

e) deskrizzjoni tal-proċedura sabiex jiġu rrappurtati l-inadegwatezzi allegati fil-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet għall-iskart;

f) deskrizzjoni tal-proċedura tal-konsultazzjonijiet li jkunu għaddejjin mal-utenti tal-port, il-kuntratturi tal-iskart, l-operaturi tat-terminals u partijiet oħra ikkonċernati; kif ukoll

g) ħarsa ġenerali tat-tip u l-kwantitajiet ta' skart li jasal mill-bastimenti u li jiġi mqandel fil-faċilitajiet.

Il-pjanijiet jistgħu jinkludu wkoll:

a) sommarju tal-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti u l-proċedura u l-formalitajiet għall-konsenja ta' skart fil-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet għall-iskart;

b) l-identifikazzjoni ta' punt ta' kuntatt fil-port; c) deskrizzjoni tat-tagħmir tal-proċessi ta' qabel it-trattament għal flussi speċifiċi ta' skart fil-port, jekk ikun hemm;

d) deskrizzjoni tal-metodi dwar ir-reġistrazzjoni tal-użu attwali tal-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet għall-iskart;

e) deskrizzjoni tal-metodi tar-reġistrazzjoni tal-ammonti tal-iskart minn bastimenti;

f) deskrizzjoni ta' kif jiġu ġestiti flussi ta' skart differenti fil-port.

Il-proċeduri għall-akkoljenza, il-ġbir, il-ħażna u l-qerda għandhom jikkonformaw f'kull rispett ma' skema ta' maniġġjar ambjentali xierqa għat-tnaqqis b'mod progressiv tal-impatt fuq l-ambjent minn dawn l-attivitajiet. Din il-konformità hija preżunta jekk il-proċeduri jħarsu r-Regolament (KE) Nru 1221/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-parteċipazzjoni volontarja ta' organizzazzjonijiet fi skema Komunitarja ta' ġestjoni u verifika ambjentali.

## ANNESS 2

### FORMAT STANDARD TAL-FORMOLA GĦAN-NOTIFIKA BIL-QUDDIEM GĦALL-KONSENJA TA' SKART FIL-FAĊILITAJIET TAL-AKKOLJENZA FIL-PORTIJIET GĦALL-ISKART

Notifika ta' Konsenja ta' Skart lil: *(daħħal isem il-port ta' destinazzjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 6 tad-Direttiva XXXX/XX/UE)*

Din il-formola għandha tinżamm abbord il-bastiment flimkien mal-Ktieb tad-Dokumentazzjoni taż-Żejt , il-Ktieb tad-Dokumentazzjoni tal-Merkanzija jew il-Ktieb tad-Dokumentazzjoni taż-Żibel kif xieraq, kif mitlub mill-Konvenzjoni Marpol.

1. **ID-DETTALJI TAL-BASTIMENT**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1.1 Isem il-bastiment: | | 1.5 Is-sid jew l-operatur: | |
| 1.2 In-numru tal-IMO: | | 1.6 Numru jew ittri distintivi: | |
| 1.3 It-tunnellaġġ gross: | | 1.7 Stat tal-Bandiera: | |
| 1.4 It-tip ta' bastiment: | ☐Tanker taż-żejt _ ☐Bastiment ta' merkanzija oħra | ☐ Tanker tas-sustanzi kimiċi ☐ Vapur tal-passiġġieri | ☐ Trasportatur ta' tagħbija bl-ingrossa ☐Kontejner ☐Ieħor (speċifika) |

2. **ID-DETTALJI TAL-PORT U L-VJAĠĠ**

| | |
|---|---|
| 2.1 Isem il-Post/it-Terminal: | 2.6 L-aħħar Port li fih ġie kkonsenjat l-iskart: |
| 2.2 Data u Ħin tal-Wasla: | 2.7 Data tal-Aħħar Konsenja: |
| 2.3 Data u Ħin tat-Tluq: | 2.8 Il-Port tal-Konsenja li Jmiss: |
| 2.4 L-Aħħar Port u Pajjiż: | 2.9 Il-persuna li qed tippreżenta din il-formola hija (jekk mhix il-kaptan): |
| 2.5 Il-Port u Pajjiż li Jmiss (jekk magħrufin): | |

3. **TIP U AMMONT TA' SKART U KAPAĊITÀ TA' ĦAŻNA**

| Tip | Skart li jrid jiġi konsenjat ($m^3$) | Kapaċità ta' ħażna massima dedikata ($m^3$) | Ammont ta' skart li nżamm abbord ($m^3$) | Port fejn se jiġi konsenjat l-iskart li fadal | Ammont stmat ta' skart iġġenerat bejn in-notifika u l-port ta' żjara li jmiss ($m^3$) |
|---|---|---|---|---|---|
| **MARPOL Anness I- Żejt** | | | | | |
| Ilma żejtni tas-sentina | | | | | |
| Fdalijiet żejtnin (ħama) | | | | | |
| Likwidi żejtnin mill-ħasil ta' tankijiet | | | | | |
| Ġebla u ħama mit-tindif ta' tankijiet | | | | | |
| Oħrajn (jekk jogħġbok speċifika) | | | | | |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **MARPOL Anness II- NLS**[1] | | | | | |
| Sustanza tal-Kategorija X | | | | | |
| Sustanza tal-Kategorija Y | | | | | |
| Sustanza tal-Kategorija Z | | | | | |
| OS- sustanzi oħra | | | | | |
| **MARPOL Anness IV - Drenaġġ** | | | | | |
| | | | | | |
| **MARPOL Anness V - Żibel** | | | | | |
| Plastiks | | | | | |
| Skart tal-Ikel | | | | | |
| Skart domestiku (pereżempju prodotti tal-karta, ċraret, ħġieġ, metall, fliexken, ċaqquf, eċċ.) | | | | | |
| Żejt tat-Tisjir | | | | | |
| Irmied tal-inċinerazzjoni | | | | | |
| Fdalijiet tal-merkanzija[2] | | | | | |
| Skart operattiv | | | | | |
| Karkassa/i tal-annimali | | | | | |
| Irkaptu tas-sajd | | | | | |
| **MARPOL Anness VI - relatat mat-Tniġġis tal-Arja** | | | | | |
| Sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu u tagħmir li jkun fih sustanzi bħal dawn[3] | | | | | |
| Fdalijiet tat-tindif | | | | | |

1 Indika l-isem proprju tat-tbaħħir tal-NLS involuti

2 Jistgħu jkunu stimi; indika l-isem proprju tat-tbaħħir tal-merkanzija xotta

3 Li jirriżultaw minn attivitajiet normali ta' manutenzjoni abbord

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| tal-gass tal-egżost | | | | | |

*Noti*

1. Din l-informazzjoni għandha tintuża għall-kontroll mill-Istat tal-portijiet u għal skopijiet oħrajn ta' spezzjoni.

2. Din il-formola għandha timtela sakemm il-bastiment ma jkunx kopert b'eżenzjoni skont l-Artikolu 9 tad-Direttiva XXXX/XXXX/UE

# ANNESS 3

## IL-FORMAT STANDARD TAL-IRĊEVUTA TAL-KONSENJA TAL-ISKART

*Ir-rappreżentant maħtur tal-fornitur tal-faċilità tal-akkoljenza fil-port għall-iskart għandu jipprovdi l-formola li ġejja lill-kaptan ta' bastiment li jkun ikkonsenja l-iskart b'konformità mal-Artikolu 7 tad-Direttiva XXXX/XX/UE.*

*Din il-formola għandha tinżamm abbord il-bastiment flimkien mal-Ktieb tad-Dokumentazzjoni taż-Żejt, il-Ktieb tad-Dokumentazzjoni tal-Merkanzija jew il-Ktieb tad-Dokumentazzjoni taż-Żibel kif xieraq, kif mitlub mill-MARPOL.*

**1. DETTALJI TAL-PORT U TAL-FAĊILITÀ TAL-AKKOLJENZA FIL-PORT GĦALL-ISKART**

| | | |
|---|---|---|
| 1.1. | Isem il-post/it-terminal: | |
| 1.2. | Il-fornitur(i) ta' faċilità tal-akkoljenza fil-port għall-iskart | |
| 1.3. | Fornitur(i) tal-faċilità tat-trattament - jekk differenti minn ta' hawn fuq: | |
| 1.4. | Data u Ħin tal-Konsenja tal-Iskart minn: | lil: |

**2. ID-DETTALJI TAL-BASTIMENT**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 2.1. | Isem il-bastiment: | 2.5. | Is-sid jew l-operatur: |
| 2.2. | In-numru tal-IMO: | 2.6. | Numru jew ittri distintivi: |
| 2.3. | It-tunnellaġġ gross: | 2.7. | L-Istat tal-Bandiera: |
| 2.4. | It-tip ta' bastiment: ☐ Tanker taż-żejt ☐Tanker tas-sustanzi kimiċi ☐Trasportatur ta' tagħbija bl-ingrossa ☐ Kontejner<br>☐Vapur tal-merkanzija ieħor ☐Vapur tal-passiġġieri ☐Ro-ro ☐Ieħor (speċifika) | | |

**3. TIP U AMMONT TA' SKART RIĊEVUT**

| **MARPOL Anness I - Żejt** | **Kwantità ($m^3$)** | **MARPOL Anness V - Żibel** | **Kwantità ($m^3$)** |
|---|---|---|---|
| Ilma żejtni tas-sentina | | A. Plastiks | |
| Fdalijiet żejtnin (ħama) | | B. Skart tal-Ikel | |
| Likwidi żejtnin mill-ħasil ta' tankijiet | | C. Skart domestiku (pereżempju prodotti tal-karta, ċraret, ħġieġ, metall, fliexken, ċaqquf, eċċ.) | |
| L-ilma tas-saborra maħmuġ | | D. Żejt tat-Tisjir | |
| Ġebla u ħama mit-tindif ta' tankijiet | | E. Irmied tal-inċinerazzjoni | |
| Oħrajn (jekk jogħġbok speċifika) | | F. Skart operattiv | |
| **MARPOL Anness II - NLS** | **Kwantità(m3)/Isem**[5] | G. Fdalijiet tal-merkanzija[6] | |
| Sustanza tal-Kategorija X | | H. Karkassa/i tal-annimali | |
| Sustanza tal-Kategorija Y | | I. Irkaptu tas-sajd | |
| Sustanza tal-Kategorija Z | | **MARPOL Anness VI - relatat mat-Tniġġis tal-Arja** | **Kwantità ($m^3$)** |
| OS - sustanza oħra | | Sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu u tagħmir li jkun fih sustanzi bħal dawn | |

| **MARPOL Anness IV - Drenaġġ** | **Kwantità (m³)** | | Fdalijiet tat-tindif tal-gass tal-egżost | |
|---|---|---|---|---|
| | | | | |

5 Indika l-isem proprju tat-tbaħħir tal-NLS involuti
6 Indika l-isem proprju tat-tbaħħir tal-merkanzija xotta

## ANNESS 4

**Il-kategoriji tal-ispejjeż għall-operat u l-amministrazzjoni ta' PRF**

| *Spejjeż diretti*<br>**L-ispejjeż operattivi li jirriżultaw mill-konsenja attwali ta' skart minn bastimenti, inklużi elementi ta' spejjeż elenkati hawn taħt.** | *Spejjeż indiretti*<br>**L-ispejjeż amministrattivi li jirriżultaw mill-konsenja attwali ta' skart minn bastimenti, inklużi l-elementi ta' spejjeż elenkati hawn taħt.** |
|---|---|
| • Il-provvista ta' faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet għall-iskart tal-infrastruttura, inkluż kontejners, tankijiet, għodda ta' pproċessar, braken, trakkijiet, akkoljenza tal-iskart, stallazzjonijiet tat-trattament;<br>• Konċessjonijiet għal twellija tas-sit, jekk applikabbli, jew għat-twellija tal-apparat meħtieġ għat-tħaddim tal-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet għall-iskart;<br>• L-operazzjoni attwali tal-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-port għall-iskart: ġbir ta' skart mill-basiment, trasport ta' skart minn faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet għall-iskart għat-trattament aħħari, manutenzjoni u tindif tal-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet għall-iskart, spejjeż għal persunal, inkluża s-sahra, il-provvista tal-elettriku, l-analiżi tal-iskart u l-assigurazzjoni;<br>• L-użu mill-ġdid aħħari, ir-riċiklaġġ jew ir-rimi tal-iskart mill-bastimenti, inkluż il-ġbir separat tal-iskart;<br>• Amministrazzjoni: fatturazzjoni, ħruġ ta' riċevuti tal-iskart għall-bastimenti, ir-rappurtar. | • L-iżvilupp u l-approvazzjoni tal-pjan tal-akkoljenza u t-tqandil tal-iskart, inkluż kwalunkwe verifika tal-pjan u l-implimentazzjoni tiegħu;<br>• L-aġġornament tal-pjan tal-akkoljenza u t-tqandil tal-iskart, inkluż l-ispejjeż tax-xogħol u l-ispejjeż ta' konsulenza, fejn applikabbli;<br>• L-organizzazzjoni tal-proċeduri ta' konsultazzjoni għar-(ri)evalwazzjoni tal-pjan tal-akkoljenza u t-tqandil tal-iskart;<br>• In-notifika u l-ġestjoni ta' sistemi ta' rkupru tal-ispejjeż, inkluża l-applikazzjoni ta' tariffi mnaqqsa għal "bastimenti sensittivi ekoloġikament", il-provvediment ta' sistemi tal-IT fil-livell tal-port, analiżi statistika u spejjeż tax-xogħol assoċjati;<br>• L-organizzazzjoni ta' proċeduri ta' akkwist pubbliku għall-forniment ta' faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet għall-iskart, kif ukoll il-ħruġ ta-awtorizzazzjonijiet neċessarji għall-forniment ta' faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet għall-iskart;<br>• Komunikazzjoni ta' informazzjoni li jużaw il-portijiet permezz ta' tqassim ta' fuljetti, tqegħid ta' sinjali u posters fil-port, jew il-pubblikazzjoni tal-informazzjoni fuq is-sit web tal-port) u r-rappurtar elettroniku tal-informazzjoni mitluba skont l-Artikolu 5. .<br>• Spejjeż amministrattivi oħra: eżenzjonijiet mill-monitoraġġ u r-rappurtar elettroniku ta' din l-informazzjoni kif meħtieġ fl-Artikolu 9. |

## ANNESS 5

***Ċertifkat ta' eżenzjoni***

**ĊERTIFIKAT TA' EŻENZJONI SKONT L-ARTIKOLU 9 B'RABTA MAL-ĦTIĠIJIET SKONT L-ARTIKOLU 6, L-ARTIKOLU 7 U L-ARTIKOLU 8 TAD-DIRETTIVA XXXX/XX/KE FIL-PORT[IJIET] TA' *[IKTEB ISEM IL-PORT]* FI *[IKTEB ISEM L-ISTAT MEMBRU]*[4]**

| **Isem il-bastiment** | **Numri jew ittri distintivi** | **Stat tal-Bandiera** |
|---|---|---|
| [*ikteb isem il-bastiment*] | **[***ikteb in-numru tal-IMO***]** | **[***ikteb isem l-Istat tal-Bandiera***]** |

huwa fi traffiku skedat bi żjarat frekwenti u regoli fil-port(ijiet) li jinsab(u) fi *[ikteb isem l-Istat Membru]* skont skeda jew rotta predeterminata:

[ ]

u jżur dawn il-portijiet mill-inqas darba kull ġimgħatejn:

[ ]

u għamel arranġament biex jiġu żgurati l-ħlas tat-tariffa u l-konsenja tal-iskart lill-port, jew lil parti terza fil-port ta':

[ ]

u huwa għalhekk eżentat, skont [*Niżżel l-artikolu rilevanti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-pajjiż*], mir-rekwiżiti dwar il-**konsenja obbligatorja** ta' skart minn bastimenti, notifika bil-quddiem tal-iskart, u l-ħlas ta' tariffa obbligatorja, fil-port(ijiet) li ġej(jin):

[ ]

Dan iċ-ċertifikat huwa validu sa [*niżżel id-data*], sakemm ir-raġunijiet li fuqhom inħareġ iċ-ċertifikat ma jinbidlux qabel dik id-data.

Il-Post u d-Data

.........................................

Isem

Titlu

---

[4] Ħassar jekk mhux xieraq